32006D0558

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Awwissu 2006

li taġġorna l-ftehim monetarju bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża, f'isem il-Komunità Ewropea, u l-Gvern ta' l-Altezza Serenissima tiegħu l-Prinċep ta' Monako

(2006/558/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 111(3),

Wara li kkunsidrat il-Ftehim Monetarju ta' l-24 ta' Diċembru 2001 bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża, f'isem il-Komunità Ewropea, u l-Gvern ta' l-Altezza Serenissima Tiegħu l-Prinċep ta' Monako [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 11(2) tal-Ftehim Monetarju bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża, f'isem il-Komunità Ewropea, u l-Gvern ta' l-Altezza Serenissima tiegħu l-Prinċep ta' Monako (minn hawn il-quddiem "Il-Ftehim Monetarju") jeħtieġ li l-Prinċipat ta' Monako tapplika l-miżuri addottati minn Franza biex timplimenta ċerti atti Komunitarji dwar l-attività u s-superviżjoni prudenti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-prevenzjoni ta' riskji sistematiċi fis-sistemi ta' ħlasijiet u finalizzar ta' garanziji. Dawk l-atti huma elenkati fl-Anness A għall-Ftehim. Ġew emendati numru ta' atti fl-Anness A u l-atti emendati għandhom jiddaħħlu f'dak l-Anness. Numru ta' atti Komunitarji li jaqgħu fi ħdan l-ambitu ta' l-Artikolu 11(2) tal-Ftehim Monetarju ġew adottati ukoll u għandhom jiddaħħlu fl-Anness A.

(2) Id-Direttiva 2001/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 fir-rigward tar-regoli ta' valutazzjoni għall-kontijiet annwali u kkonsolidati ta' ċerti tipi ta' kumpaniji kif ukoll ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra [2] tikkonċerna l-attività u s-superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u temenda d-Direttiva 86/635/KEE [3], li hija diġà fl-Anness A. Għalhekk din taqa' fl-ambitu ta' l-Artikolu 11(2) tal-Ftehim Monetarju u għandha tiddaħħal fl-Anness A.

(3) Id-Direttiva 2003/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2003 fuq il-bilanċ ta' kontijiet annwali u konsolidati ta' ċerti kumpaniji, banek u istituzzjonijiet finanzjarji u impriżi ta' l-assigurazzjoni [4] tikkonċerna l-attività u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u temenda wkoll id-Direttiva 86/635/KEE. Għalhekk taqa' fl-ambitu ta' l-Artikolu 11(2) tal-Ftehim Monetarju u għalhekk għandha tiddaħħal fl-Anness A.

(4) Id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali [5] tikkonċerna l-prevenzjoni ta' riskji sistematiċi għas-sistemi ta' finalizzar ta' garanziji.Għalhekk taqa' fl-ambitu ta' l-Artikolu 11(2) tal-Ftehim Monetarju u għalhekk għandha tiddaħħal fl-Anness A.

(5) Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti ta' l-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6] tikkonċerna l-attività u s-superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu. Għalhekk taqa' fl-ambitu ta' l-Artikolu 11(2) tal-Ftehim Monetarju u għalhekk għandha tiddaħħal ukoll fl-Anness A.

[1] ĠU L 142, 31.5.2002, p. 59.
[2] ĠU L 283, 27.10.2001, p. 28.
[3] ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1.
[4] ĠU L 178, 17.7.2003, p. 16.
[5] ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43.
[6] ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1.

(6) Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq ta' l-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE ([1]) tikkonċerna l-attività u s-superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu. Għalhekk taqa' fl-ambitu ta' l-Artikolu 11(2) tal-Ftehim Monetarju u għalhekk għandha tiddaħħal ukoll fl-Anness A

(7) Id-Direttiva 2006/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 li temenda d-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, fir-rigward ta' ċerti limiti ([2]) ta' żmien temenda d-Direttiva 1004/39/KE. Għandha għalhekk tiddaħħal fl-Anness A.

(8) Att wieħed attwalment inkluż fl-Anness A għandu jitneħħa minn dak l-Anness. Id-Direttiva 97/5/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar it-trasferimenti transkonfini ta' kreditu ([3]) tindirizza prinċipalment it-tħassib dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u għalhekk ma taqax fl-ambitu ta' l-Artikolu 11(2) tal-Ftehim Monetarju.

(9) L-Artikolu 11(4) tal-Ftehim Monetarju jeħtieġ lill-Prinċipat ta' Monako jadotta miżuri ekwivalenti għal dawk li ttieħdu mill-Istati Membri sabiex japplikaw l-atti Komunitarji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim Monetarju. Dawk l-atti huma elenkati fl-Anness B għall-Ftehim. Id-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI tat-28 ta' Mejju 2001 li tiġġieled frodi u ffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas bi flus mhux kontanti ([4]) hija maħsuba biex tkompli u tiżgura konsistenza tad-dispożizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni ta' kull tip ta' ħlas ddenominat f'euros. Hi taqa' fl-ambitu ta' l-Artikolu 9 tal-Ftehim Monetarju dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-iffalsifikar, l-iktar fis-sistemi moderni tal-banek. B'mod partikolari, l-inklużjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2001/413/ĠAI tinħtieġ biex titkompla l-protezzjoni bid-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2000/383/ĠAI tat-29 ta' Mejju 2000 biex tiżdied il-protezzjoni permezz ta' penali kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-iffalsifikar f'konnessjoni ma' l-introduzzjoni ta' l-euro ([5]), li hija msemmija fl-Artikolu 9 tal-Ftehim Monetarju. Għalhekk jinħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Ftehim Monetarju u għandu jiġi inkluż fl-Anness B għall-Ftehim.

(10) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2182/2004 tas-6 ta' Diċembru 2004 dwar medalji u *tokens* li jixbhu lill-muniti ta' l-euro ([6]) huwa maħsub biex jipprevjeni l-użu tal-medalji u t-*tokens* bħala mezzi ta' pagament f'euro u jaqa' wkoll fl-ambitu ta' l-Artikolu 9 tal-Ftehim Monetarju. Huwa għalhekk jinħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Ftehim Monetarju u għandu jiddaħħal fl-Anness B għall-Ftehim.

(11) L-Annessi għall-Ftehim Monetarju għandhom għalhekk jiġu emendati skond dan. Għall-iskop ta' ċarezza, l-Annessi għandhom jinbidlu kollha kemm huma.

(12) L-awtoritajiet Monegaski ma talbux lill-Kumitat Konġunt stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 2182/2004 sabiex jaġġorna l-Anness B għall-Ftehim Monetarju. L-Annessi A u B tal-Ftehim Monetarju għandhom għalhekk jiġu emendati t-tnejn mill-Kummissjoni.

(13) Fil-laqgħat tagħha tas-17 ta' Ġunju 2004 u s-16 ta' Ġunju 2005, il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat Konġunt bil-ħtieġa li taġġorna l-Annessi A u B għall-Ftehim Monetarju. Il-Kumitat Konġunt ħa nota tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ

Artikolu 1

L-Annessi għall-Ftehim Monetarju bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża, f'isem il-Komunità Ewropea, u l-Gvern ta' l-Altezza Serenissima tiegħu l-Prinċep ta' Monako huma sostitwiti bit-test f'dan l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, nhar it-2 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni

Joaquin ALUMNIA

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 145, 30.4.2001, p. 1
([2]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 60
([3]) ĠU L 14, 2.1997, p. 25.
([4]) ĠU L 149, 2.6.2001, p. 1.
([5]) ĠU L 140, 14.6.2000, p. 1.
([6]) ĠU L 373, 21.12.2004, p. 1.

ANNESS A

1. **86/635/KEE**

Id-Direttiva tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontiijiet annwali u l-kontijiet konsolidati tal-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra (għal dispożizzjonijiet li japplikaw għall-istituzzjonijiet ta' kreditu)

ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1.

kif emendat bi:

2001/65/KE

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 li temenda d-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE u 86/635/KEE fir-rigward tar-regoli ta' valutazzjoni għall-kontijiet annwali u kkonsolidati ta' ċerti tipi ta' kumpaniji kif ukoll ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra

ĠU L 283, 27.10.2001, p. 28.

2003/51/KE

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2003 li temenda d-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE, 86/635/KEE u 91/674/KEE fuq il-bilanċ ta' kontijiet annwali u konsolidati ta' ċertu kumpaniji, banek u istituzzjonijiet finanzjarji u impriżi ta' l-assigurazzjoni.

ĠU L 178, 17.7.2003, p. 16.

2. **89/117/KEE**

Id-Direttiva tal-Kunsill tat-13 ta' Frar 1989 dwar l-obbligi ta' fergħat stabbiliti fi Stat Membru ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji li jkollhom l-uffiċċji ewlenin tagħhom barra dak l-Istat Membru rigward il-pubblikazzjoni tad-dokumenti tal-kontijiet annwali

ĠU L 44, 16.2.1989, p. 40.

3. **93/6/KEE**

Id-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-adekwatezza ta' kapital tad-ditti ta' l-investiment u l-istituzzjonijiet ta' kreditu (għad-dispożizzjonijiet li japplikaw għall-istituzzjonijiet ta' kreditu)

ĠU L 141, 11.6.1993, p. 16 u ĠU L 204, 21.7.1998, p. 13

kif emendat bi:

2002/87/KE

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti ta' l-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1.

2004/39/KE

Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE

ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

4. **93/22/KEE**

Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-10 ta' Mejju 1993 dwar servizzi ta' investiment fil-qasam ta' titoli (għad-dispożizzjonijiet għall-istituzzjonijiet ta' kreditu) minbarra t-Titoli III u IV — Id-Direttiva rrevokata bid-Direttiva 2004/39/KE, kif emendati bid-Direttiva 2006/31/KE, mill-1 ta' Novembru 2007 (ara infra)

ĠU L 141, 11.6.1993, p. 2.

5. **94/19/KE**

Id-Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti

ĠU L 135, 31.5.1994, p. 5.

6. **98/26/KE**

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' *settlement* fis-sistemi ta' *settlement* ta' pagamenti u titoli

ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45.

7. **2000/12/KE**

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu — minbarra t-Titoli III u IV

ĠU L 126, 25.5.2000, p. 1.

kif emendat bi:

2000/28/KE

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 li temenda d-Direttiva 2000/12/KE rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu

ĠU L 275, 27.10.2000, p. 37.

2000/46/KE

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenti tal-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi

ĠU L 275, 27.10.2000, p. 39.

2002/87/KE

Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti ta' l-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1.

2004/39/KE

Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE

ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

8. **2001/24/KE**

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu

ĠU L 125, 5.5.2001, p. 15.

9. **2002/47/KE**

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali

ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43.

10. **2002/87/KE**

Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti ta' l-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1.

11. **2004/39/KE**

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE — għad-dispożizzjonijiet li japplikaw għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u minbarra l-Artikolu 15, 31 sa 33 u t-Titolu III

ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

kif emendat bi:

2006/31/KE

Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 li temenda d-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, fir-rigward ta' ċerti limiti ta' żmien.

ĠU L 114, 27.4.2006, p. 60.

ANNESS B

1. **97/9/KE**

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur

ĠU L 84, 26.3.1997, p. 22.

2. **2001/413/ĠAI**

Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 li tiġġieled frodi u ffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas ta' flus mhux kontanti

ĠU L 149, 2.6.2001, p. 1.

3. **2182/2004/KE**

Regolament tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2004 dwar medalji u *tokens* li jixbhu lill-muniti ta' l-euro

ĠU L 373, 21.12.2004, p. 1.
